



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2015/2284(INI)**

25.5.2016

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-attivitajiet, l-impatt u l-valur miżjud tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament  
għall-Globalizzazzjoni bejn l-2007 u l-2014  
(2015/2284(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jean-Paul Denanot

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura



## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-finanzjament mill-FEG jista' jappoġġja u jikkomplementa azzjonijiet tal-Istati Membri rigward l-impjiegi u l-politika soċjali, iżda ma jistax jieħu post l-azzjoni primarja u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali, u għalhekk ma għandux jikkompensa skemi nazzjonali dwar id-dħul tal-ħaddiema; ifakkar ukoll li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jikkofinanzjaw l-azzjonijiet tal-FEG skont il-modalitajiet stabbiliti mill-lijijiet nazzjonali, kif ukoll l-obbligu li jimplementaw il-baġit tal-FEG b'mod effikaċi;
2. Jemmen li l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huwa strument importanti li permezz tiegħu l-UE tipprovdi appoġġ lill-ħaddiema u tesprimi s-solidarjetà tagħha magħhom, u tgħin lil persuni qiegħda jergħu jibdew jaħdmu, u li l-għan tal-Fond huwa li jikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, inklussiv u sostenibbli u għall-promozzjoni ta' impjiegi sostenibbli fl-Ewropa; jissuġġerixxi, madankollu, li hemm ħafna lok għal titjib fil-FEG; iqis, b'mod partikolari, li l-FEG jista' jirrendi valur aħjar għall-flus minfuq u jista' jkun aktar iffukat fuq ir-riżultati; jemmen li l-FEG għandu jkompli jopera barra mill-QFP matul il-perjodu ta' programazzjoni li jmiss;
3. Huwa tal-fehma li r-rata ta' kofinanzjament ta' 60 % m'għandhiex tiżdied;
4. Jinnota li, bejn l-2007 u l-2014, 20 Stat Membru ressqu 131 applikazzjoni għall-finanzjament għal ammont totali ta' EUR 542,4 miljun, immirati għal 121 380 ħaddiem;
5. Jinnota li l-FEG suppost jaqdi l-funzjoni ta' mekkaniżmu li jagħti għajjnuna fuq żmien qasir f'sitwazzjonijiet fejn ikun jeħtieġ rispons rapidu; jiddispjaċih li l-perjodu medju għall-approvazzjoni ta' għajjnuna mill-FEG bejn l-2007 u l-2013 kien 303 ijiem; jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tissemplifika l-proċess ta' applikazzjoni; jissuġġerixxi li tnaqqis fl-għadd ta' lingwi uffiċjali li bihom irid jiġi tradott abbozz ta' deċiżjoni jista' jiffranka tal-anqas ġimagħtejn żmien; jenfasizza li kwalunkwe traduzzjoni oħra li tintalab tkun tista' ssir mill-Kummissjoni aktar tard;
6. Jinnota li, fil-perjodu bejn l-2007 u l-2014, tmien Stati Membri ma użawx l-appoġġ tal-FEG disponibbli; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-każijiet kollha fejn ostakoli regolatorji, ta' kapaċità amministrattiva u ta' tip ieħor xekklu l-parteċipazzjoni fil-FEG, u jistedinha tipproponi azzjoni biex twarrab tali ostakoli;
7. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jutilizzaw il-lok li għandhom għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-FEG b'mod aktar flessibbli u effikaċi, b'konċentrazzjoni fuq ir-riżultati, l-impatt u l-valur miżjud, u bla ma jikkompromettu l-użu xieraq u trasparenti tal-fondi u l-konformità mar-regoli; huwa tal-fehma li l-proċedura ta' applikazzjoni għandha ssir aktar rapida biex il-Fond isir iktar effikaċi għall-benefiċċju ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja; huwa mħasseb dwar id-diverġenza bejn ir-riżorsi mitluba mill-FEG u l-ammonti rimborżati mill-Istati Membri, bir-rata medja ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 45 % biss; jitlob, għalhekk, li l-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa r-raġunijiet għar-rati baxxi ta' implimentazzjoni u tipproponi miżuri biex tindirizza l-punti ta' konġestjoni

eżistenti u tiżgura l-aħjar użu mill-Fond; jinnota li r-rata ta' impjieġ mill-ġdid fi tmiem l-assistenza tal-FEG tvarja b'mod konsiderevoli minn 4 % għal 86 %, u għalhekk jissottolinja l-importanza ta' miżuri tas-suq tax-xogħol attivi u inklużivi; jinnota li l-infiq tal-FEG f'ċerti Stati Membri b'mod konsistenti jirreġistra prestazzjoni aħjar milli f'xi Stati Membri oħra; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tkompli tagħti gwida u tara li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkondividu l-aħjar prattiki fl-applikazzjoni għall-fondi tal-FEG u fl-użu tagħhom sabiex tiġi żgurata l-ogħla rata ta' impjieġ mill-ġdid għal kull euro li jintefaq;

8. Jinnota li, skont is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, il-FEG jipprovdi l-aħjar valur miżjud tal-UE meta jintuża biex jikkofinanzja dawk is-servizzi għal ħaddiema ssensjati li normalment ma jingħatawx mis-servizz pubbliku tal-impjieġi ta' Stat Membru, u, meta jkunu ffukati fuq attivitajiet ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid u mhux fuq ħlasijiet ta' benefiċċji;
9. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li kważi 50 % tal-ħaddiema li rċevew assistenza bis-saħħa ta' applikazzjonijiet ittrattati fl-2013-2014 reġgħu sabu impjieġ; jenfasizza, madankollu, li l-FEG għandu jipprovdu finanzjament għal setturi li jkunu mistennija jħabbtu wiċċhom ma' problemi fil-futur, biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kkonċernati, f'setturi b'potenzjal għall-ġejjieni, ikollhom garanzija ta' impjieġ mill-ġdid sostenibbli;
10. Jinnota li l-FEG minnu nnifsu intiż għal azzjonijiet fuq żmien qasir, u jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar sinerġiji, addizzjonalità u koordinazzjoni mal-FSE, mal-FEŻR u ma' miżuri ffinanzjati fil-livelli reġjonali u nazzjonali, sabiex lin-negozzi f'diffikultà nakkumpanjawhom ukoll permezz ta' fażi tranżizzjonali li toħloq l-impjieġi; jipproponi, għal dan l-għan, li bi qbil mat-tradizzjonijiet u mal-abitudnijiet tal-Istati Membri, l-applikazzjonijiet għall-finanzjament mill-FEG ikunu jistgħu jittressqu mill-awtoritajiet li jiġġestixxu l-Fondi Strutturali f'kull Stat Membru, kemm-il darba l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali jkollhom biżżejjed riżorsi amministrattivi u finanzjarji biex jiżguraw dan; jipproponi li l-applikazzjonijiet għall-finanzjament mill-FEG isiru aċċessibbli għall-pubbliku;
11. Jinnota li, f'għadd ta' każijiet tal-FEG, kostijiet oġhla għal azzjonijiet taħt l-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG idgħajfu l-impatt globali tal-investment mill-FEG; jitlob li l-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni ta' tali kostijiet billi tintroduċi limiti;
12. Jemmen li użu aktar mifruq tad-deroga mill-limiti minimi ta' eliġibbiltà, partikolarment għall-benefiċċju tal-SMEs, l-estensjoni tal-perjodi ta' referenza kif ukoll il-possibbiltà li ħaddiema li jipprovdu servizzi relatati u li jisfaw issensjati jiġu kklassifikati bħala ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja mill-kumpanija li tkun qed titlob assistenza għandhom jiġu vvalutati bir-reqqa każ b'każ, b'tali mod li jiġi evitat b'kull mezz tagħwiġ fl-użu tal-baġit tal-FEG;
13. Jitlob li l-Kummissjoni ttejjeb l-istrumenti eżistenti ta' assistenza teknika lill-Istati Membri u tintensifika l-komunikazzjoni magħhom dwar il-forom ta' assistenza disponibbli taħt il-FEG sabiex dan il-Fond jintuża aktar, u jitlob li l-applikazzjonijiet mill-Istati Membri għal appoġġ finanzjarju mill-FEG, flimkien mad-dokumentazzjoni rilevanti kollha, jiġu ppubblikati fis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea;
14. Huwa tal-fehma li interventi soċjali *ex post*, li spiss ikunu relatati mal-ħlas lura ta' finanzjament ipprovdot mill-Istati Membri, ifissru li l-attività tal-Unjoni Ewropea biex

tgħin lill-ħaddiema ssensjati ma tidhirx; jitlob li l-Kummissjoni tintensifika l-komunikazzjoni tagħha man-netwerks nazzjonali u lokali tat-trejdjunjins u mal-pubbliku ġenerali biex tippromwovi aħjar il-miżuri li jittieħdu mill-UE;

15. Jitlob li l-Kummissjoni tinkludi fl-evalwazzjoni tagħha ta' nofs it-terminu tal-FEG valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva speċifika tas-sostenn mill-FEG lil zghażaġh li mhumiex f'impjeg, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ (NEETs), speċjalment fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u tas-sinerġiji meħtieġa bejn il-baġits nazzjonali, l-FSE u l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI); huwa tal-fehma li d-deroga dwar in-NEETs għandha tiġi estiża lil hinn mill-2017, wara din l-analiżi;
16. Jitlob li l-Kummissjoni twettaq studji tal-impatt tal-globalizzazzjoni settur b'settur u, abbażi tas-sejbiet, tressaq proposti maħsuba biex jinkoraġġixxu lill-impriżi jantiċipaw il-bidliet fl-industriji tagħhom u jħejju lill-ħaddiema qabel ma jagħtuhom is-sensja;
17. Jemmen li hemm lok għal aktar titjib fl-użu tal-FEG għal proġetti li jappoġġjaw l-intraprenditorija u l-attività ta' twaqif ta' negozji ġodda; jitlob li l-Kummissjoni teżamina dan kollu ulterjorment;
18. Jinnota t-tħassib tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew rigward il-metodoloġija għall-kalkolu tal-benefiċċji tal-FEG; jissottolinja l-ħtieġa ta' rekwiżiti ulterjuri dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni;

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.5.2016
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 4 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean Arthuis, Lefteris Christoforou, Jean-Paul Denanot, José Manuel Fernandes, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Ernest Maragall, Sophie Montel, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Urmas Paet, Paul Rübig, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Paul Tang, Daniele Viotti, Auke Zijlstra
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anneli Jäätteenmäki, Georgios Kyrtos, Andrej Plenković, Ivan Štefanec, Nils Torvalds
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laura Agea, Rainer Wieland